MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 573/2004

**Sylvana u Noel Debono.**

**vs**

**(1) John Lauria**
**(2) John Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Awissu 2004 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi nhar id-9 ta' April 2002 l-attrici kienet passiggiera fil-vettura Daewoo MJL-888 misjuqa mill-konvenut John Lauria.

Illi l-konvenut l-iehor kien qed isuq il-vettura Ford Orion ABE-637.

Illi z-zewg vetturi misjuqa mill-konvenuti habtu f'Tal-Qattus, B'Kara u l-attrici garrbet dizabilita` permanenti u sofriet danni ohra.

Illi dan l-incident gara unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom.

Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni permezz ta' ittra interpellatorja tas-26 ta' Gunju 2002 u tat-12 ta' Novembru 2003 u permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2004 izda baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li gara fid-9 ta' April 2002 f'Tal-Qattus, B'kara u li fih wegghet l-attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici.

3. Tordna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes u bil-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi Sylvana u Noel Debono a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process li huma Dok "SL1" – certifikat dwar *sick leave*; Dok "SL2" – telf ta' flus; Dok "SL3" – ricevuti ta' medicini; Dok "SL4" – ricevuti ta' nfieq mediku; u Dok "SL5" – certifikat mediku.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar l-10 ta’ Awissu 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Lauria u John Azzopardi datata 7 ta’ Settembru 2004 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, ir-responsabbilta` ghall-incident mertu ta’ din il-kawza diga` giet ammessa mis-socjetajiet assikurattrici rispettiva tal-konvenuti, f’isem l-istess konvenuti, u fi grad ugwali bejniethom – u dan hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati **Dok “GMI1”** u **Dok “SMS1”.**

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta’ l-atturi fir-rigward tal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tal-kap *“Lucrum Cessans”* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi u dan *stante* illi ma jirrizultax illi l-attrici soffriet xi debilita` permanenti minhabba l-incident imsemmi, u dan skond rapport mediku li sar mill-Konsulent Ortopediku Frederick Zammit Maempel – kopja annessa u mmarkata bhala **Dok. “GMI 2”** liema rapport sar bi qbil ma’ l-istess attrici (**Dok “GMI 3”**);

3. Illi ghalhekk, il-konvenuti m’ghandomx jigu kkundannati jbatu l-ispejjes ta’ din l-kawza. *Stante* illi dawn il-proceduri saru inutilment;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 15 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tal-konvenuti a fol. 16 u 17 tal-process li huma Dok “GMI 1” – ittra mibghuta mis-socjeta` *GasanMamo Insurance Limited* lill-avukat ta’ l-atturi, fejn giet ammessa r-responsabbilta`; Dok “GMI 2” – rapport mediku tal-konsulent Ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel; Dok “GM3” – dikjarazzjoni ffirmata ta’ l-attrici sabiex ir-*records* medici

taghha jkunu kkonsultati mill-imsemmi Mr. Frederick Zammit Maempel. Dok “JA 1” – kopja ta’ ‘process verbal’ rigwardanti Inkjesta li saret wara l-incident tat-traffiku mertu ta’ din il-kawza; u Dok “SMS 1” – ittra mibghuta mis-socjeta` *SMS Insurance Agency Limited*, liema ittra torbot fuq id-Dok “GMI 1” fuq elenkat.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mid-9 ta’ Novembru 2004 sas-7 ta’ Dicembru 2005.

Rat in-nota ta’ Sylvana Debono Lauria datata 21 ta’ April 2005 a fol. 43 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha mmarkat Dok “SD”.

Rat ir-rapport ta’ l-espert mediku Mr.Carmel Sciberras, li gie nominat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, fejn ikkonkluda:-

*“Illi s-sinjura Debono Lauria garrbet hsarat fit-tessuti rotob ta’ l-ghonq u tad-dahar. Dawn ma jidhrux fuq l-X-Rays normali. Gieli jidhru fuq l-MRI (li kien normali f’dal-kaz). L-ugiegh u n-nuqqas ta’ sahha huma tassew izda nahseb li hemm anzjeta` qawwija li qed izid dan l-ugiegh. L-anzjeta` setghet giet minn hafna fatturi – l-incident fih innifsu, il-komplikazzjonijiet tat-tqala, sew ta’ l-ewwel kif ukoll tat-tieni. Il-fatt li kellhom ikunu Cesarja ma tistax tattribwih ghall-incident. Lanqas il-komplikazzjonijiet ta’ wara l-operazzjoni. Lanqas il-fatt li t-tieni tarbija ghandha difett (li qed tikkawza anzjeta` kbira hafna) ma tista’ tghidlu dovut ghall-incident.*

*Hi qaltli li l-Voltaren gabilha l-azzma. Nafu li l-azzma jista’ jkun hemm l-anzjeta` qawwija bhala parti mill-kawza taghha. Ghalhekk ma nistax nattribbwixxi ‘l azzma ghall-Voltaren li kienet qed tiehu ghall-ugiegh.*

*Ghalkemm nahseb li l-ugiegh jonqos biz-zmien, ma nahsibx li jkun ghal kollox. Dejjem trid toqghod attenta kif terfa’ u titbaxxa.”*

Rat l-Ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata s-16 ta' Frar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-26 ta' April 2006 (fol. 86) fejn meta issejhet il-kawza dehret l-attrici u d-difensuri tal-partijiet li qablu fuq ir-rapport mediku. Inghata digriet affidavit lill-atturi b'terminu ta' tletin (30) jum, u li ssir ukoll il-komputazzjoni ta' l-ammont rikjamat. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta' Gunju 2006; u tal-21 ta' Gunju 2006.

Rat in-nota ta' Sylvana Debono Lauria datata 19 ta' Gunju 2006 a fol. 88 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit ulterjuri taghha.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti John Lauria u John Azzopardi datata 10 ta' Awissu 2006 (fol.102) ghall-affidavit u n-noti ta' l-osservazzjonijiet pprezentati mill-attrici Sylvana Debono.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tad-9 ta' Novembru 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Ill din hija kawza fejn l-attrici li kienet passiggiera fil-karozza tal-marka Daewoo Reg. No. MJL – 888 misjuqa minn missierha l-konvenut John Lauria kienet involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura tal-marka Ford Orion Reg. No. ABE – 637 misjuqa mill-konvenut l-iehor John Azzopardi.

Illi mill-provi prodotti mhux kontestat li jirrizulta li l-impatt sar f'salib it-toroq ta' bejn Triq Anthony Valletta, B'Kara minn fejn kien ghaddej il-konvenut Lauria, u Triq iz-

Zernieq, minn fejn kien allura ghaddej il-konvenut l-iehor, u fejn id-Daewoo kellha impatt fuq il-genb taghha b'daqqa frontali mill-karozza l-ohra u li l-punt ta' l-impatt kien proprju ezatt fl-inkrocju ta' l-istess zewg toroq.

Illi jidher li mill-eccezzonijiet ipprezentati mill-konvenuti jirrizulta li dawn ammettew ir-responsabbilta' ta' l-incident fil-grad ta' nofs kull wiehed (50/50) u b'hekk ir-responsabbilta' dwar l-incident hija ghalhekk ammessa abbazi ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess konvenuti. Dan jidher li sar anke abbazi tal-fatt li z-zewg karozzi baqghu telghin mit-toroq rispettivi taghhom minghajr waqfien izda fi kwalunwke kaz l-ewwel eccezzjoni ma thalli l-ebda dubju dwar l-ammissjoni *da parte* tal-konvenuti dwar ir-responsabbilta' ta' l-istess incident u dan fi grad ammess minnhom ta' nofs kull wiehed. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata fin-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentanta mill-konvenuti fl-10 ta' Awissu 2006.

Illi l-kwistjoni odjerna hija dwar l-ammont ta' danni li qed jigu reklamanti mill-attrici. Fil-fatt dwar *lucrum cessans* abbazi ta' l-**artikolu 1045 tal-Kap 16** bhala telf attwali l-istess attrici qed tippretend is-somma ta' Lm3,261 u dan kif jidher mill-affidavit ulterjuri taghha datat 6 ta' Gunju 2006 esebiet bhala Dok. "SXF" a fol. 89 tal-process.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li mill-espert mediku Mr. Carmel Sciberras mahtur mill-Qorti, l-istess espert ikkonkluda li *"s-sinjura Debono Lauria garrbet hsarat fit-tessuti rotob ta' l-ghonq u tad-dahar. Dawn ma jidhrux fuq l-X-Rays normali. Gieli jidhru fuq l-MRI (li kien normali f'dal-kaz). L-ugiegh u n-nuqqas ta' sahha huma tassew izda nahseb li hemm anzjeta` qawwija li qed izid dan l-ugiegh. L-anzjeta` setghet giet minn hafna fatturi – l-incident fih innifsu, il-komplikazzjonijiet tat-tqala, sew ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni. Il-fatt li kellhom ikunu Cesarja ma tistax tattribwih ghall-incident. Lanqas il-komplikazzjonijiet ta' wara l-operazzjoni. Lanqas il-fatt li t-tieni tarbija ghandha difett (li qed tikkawza anzjeta` kbira hafna) ma tista' tghidlu dovut ghall-incident. Hi qaltli li l-Voltaren gabilha l-azzma. Nafu li l-azzma jista' jkun hemm l-anzjeta` qawwija bhala parti mill-kawza taghha. Ghalhekk ma nistax nattribbwixxi 'l*

*azzma ghall-Voltaren li kienet qed tiehu ghall-ugiegh. Ghalkemm nahseb li l-ugiegh jonqos biz-zmien, ma nahsibx li jkun ghal kollox. Dejjem trid toqghod attenta kif terfa' u titbaxxa",* u kawza ta' hekk stabbilixxa li l-istess attrici soffriet dizabbilta' permanenti ta' hamsa fil-mija (5%) kawza ta' l-incident, u dan minhabba dan l-ugiegh li hija bdiet thoss f'dahra.

Illi dan qed jinghad peress li l-istess attrici li kellha seba' xhur taqla meta sar l-incident qed issostni li minhabba dan l-ugiegh hija tilfet diversi jiem ta' xoghol u tghid li ghamlet 15-il jum barra mix-xoghol u dan kien gie estiz ghal 36 gurnata bejn il-11 ta' April 2002 sas-16 ta' Mejju 2002 u f'dan il-perjodu kien hemm telf ta' introjtu fl-ammont ta' Lm330.65 kif jidher mic-certifikat immarkat bhala Dok. "SL 14" a fol. 91 tal-process. u kawza ta' hekk stabbilixxa li l-istess attrici soffriet dizabbilita' permanenti ta' hamsa fil-mija (5%) kawza ta' l-incident, u dan minhabba dan l-ugieh li hija bdiet thoss f'dahra. Huwa veru li l-istess dokument jirreferi ghas-sena 2001 pero' din il-Qorti qed tiehu dan bhala semplici *lapsus da parte* ta' l-awtur tad-dokument, kif jidher li l-konvenuti accettaw fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom. Huwa veru li l-kondizzjoni ta' l-attrici setghet waslet ghal dan iz-zmien nieqsa mix-xoghol, pero' mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li saret il-prova necessarja li dan it-telf ta' introjtu kien kawza ta' l-ugieh li gie kkawzat fl-incident *de quo.*

Illi din il-Qorti thoss li mhux l-istess jista' jinghad ghas-*sick leave* reklamat fil-perjodu bejn is-26 ta' Awissu 2003 u l-31 ta' Dicembru 2003 u dan anke *in vista* tal-konkluzjonijiet ragunti mill-espert mediku mqabbad mill-Qorti li kkonkluda wkoll li l-komplikazzjonijiet fit-tqala, sew ta' l-ewwel u kif ukoll tat-tieni ma setghux jigu attribwiti ghall-incident, u ghalhekk l-ammont ta' Lm963 skond id-Dokument "SL15" mhux qed jigi accettat, u dan peress li ma jirrizultax li dan gie ppruvat li sehh kawza u b'rizultat ta' l-istess incident. Anzi l-opinjoni esperta medika f'dan ir-rigward tidher li tikkontradixxi kull allegazzjoni attrici.

Illi dwar l-ammont ta' Lm2,080 rapprezentanti hlas ghal seftura ghall-4 snin bir-rata ta' Lm10 fil-gimgha, ma

jirrizultax li dan gie minimament ippruvat - kemm f'dawk li huma dokumenti u kif ukoll f'dik li hija xhieda, u dan apparti l-fatt li ma jidhirx li gie ppruvat li dawn l-ispejjez gew inkorsi minhabba proprju dan l-incident. Huwa sinifikanti li fl-affidavit taghha datat 6 ta' April 2005 l-attrici ma ssemmi xejn dwar l-ispejjez tas-seftura anzi tghid li *"peress li ma nistax nistrapazza, hafna mix-xoghol tad-dar jaghmlu r-ragel".*

Illi dwar l-ammont ta' Lm120 bhala ta' *physiotherapy* dan jidher li gie ppruvat bid-dokumenti Dok. "PH 1" u Dok. "PH 2" u dan jidher li gie msemmi mill-espert mediku mahtur mill-Qorti, u dan sabiex itaffi ghall-ugiegh li soffriet l-attrici minhabba dan l-incident; jinghad ukoll li gie ppruvat l-ammont ta' medicinali fis-somma ta' Lm45 (Dok. "MM1" sa Dok. "MM 2") u ghall-ispejjez ta' MRI Test fl-ammont ta' Lm290 (Dok. "JH). B'hekk l-ammont ta' *damnum emergens* huwa ta' Lm330 + Lm120 + Lm45 + Lm290 = Lm785.

Illi dwar l-introjtu ta' l-attrici jidher li fis-sena 2001 hija kellha paga ta' Lm6,135.247 u *allowances* ta' Lm2,244.34,9 li jammontaw ghall-Lm8,379.59,6 u jidher li l-attrici hadmet is-somma taghha fuq l-istess ammont; din il-Qorti thoss li fuq dan l-aspett ghandha timxi fuq dak indikat fis-sentenzi ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **"Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** (A.C. 24 ta' Settembru 2004) u **"Godfrey Buhagiar vs Malta Shipbuilding Company Limited et"** (A.C. 25 ta' Frar 2005) fejn inghad li *"biex issir gustizzja l-ammont ta' overtime u f'allowances kellu jinghata, jew ahjar jigi kkalkulat, fuq bazi ta' hamsin fil-mija (50%) fuq l-ammont totali"* u dan ghar-ragunijiet hemm indikati fl-istess sentenzi li ghalihom qed issir riferenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' paga ta'
Lm6,135.247 u mieghu izzid l-ammont ta' Lm1,122.17, li jwasslu ghas-somma ta' Lm7,257.42 u tenut kont li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni wkoll iz-zieda fil-potenzjal tad-dhul skond id-decizjonijiet fl-ismijiet **"Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta'

April 2005); **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (JRM) – 9 ta' Dicembru 2004) u dak li wkoll gie msejjah bhala *multiplicand* fil-kawza fl-ismijiet **"Middle Sea Insurance Company Limited et vs Stuart Psaila"** (P.A. (NC) – 8 ta' Ottubru 2004) din il-Qorti sejra timxi fuq l-ammont ta' Lm7,500.

Illi meta gara l-incident l-attrici kellha 36 sena u l-*multiplier* ghandu jigi kkalkulat minn dak in-nhar ta' l-incident skond kif ikkonfermat fis-sentenza **"Evan Xuereb vs Vincent Spalding et"** (P.A. (JRM) 10 ta' Lulju 2003) u **"David Farrugia vs George Sammut"** (P.A. (TM) – 9 ta' Dicembru 2004 u **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u fid-dawl tas-sentenzi ricenti nkuzi dawk indikati fejn jinghad li fil-kaz ta' *multiplier* l-Qorti ghandha thares lejn l-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji, u meta wiehed jikkonsidra dak li jissejhu bhala *"the chances and changes of life"* u fid-dawl ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 25 ta' Jannar 2000) u **"Lizio Agius vs Bernard Grech"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) ser tadopera *multiplier* ta' erbgha u ghoxrin (24) sena ghal *working life expectancy*. Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:-

- Lm7,500 x 24 x 5% = Lm9,000

In vista tal-gurispudenza recenti mbaghad, *in vista* tal-fatt li ghaddew erbgha (4) snin minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba ghaddew erba' snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 10% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm900 ghall-Lm8,100.

Illi ma dan l-ammont ta' Lm8,100 ghandu jizdied l-ammont ta' Lm785 li jwassal ghall-ammont ta' Lm8,885, liema

ammont ghandu jithallas mill-konvenuti fil-grad ta' nofs kull wiehed.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni ta' l-ewwel talba attrici u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara liz-zewg konvenuti ugwalment responsabbli ghall-incident li gara fid-9 ta' April 2002 f'Tal-Qattus, B'Kara u dan fil-grad ta' nofs kull wiehed (50/50), li fih weggghet l-attrici, kif fuq ammess minnhom.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' tmien t'elef, tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm8,885).

3. Tordna lill-konvenuti sabiex fil-grad ta' responsabbilta` fuq indikat u ammess minnhom ta' nofs kull wiehed (50/50) ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' tmien t'elef, tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm8,885).

Bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------